



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14049/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0336 (NLE)

ACP 97
FIN 1038
PTOM 17

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (2) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2023 li tispjefika l-limitu massimu għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-2025, l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti previsti fil-FEŻ preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.

- (4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ (il-“ftehim dwar il-ħruġ”), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-“Renju Unit”) jibqa' Parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawn il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew fl-ambitu ta' FEŻ preċedenti, ma għandhomx jerġgħu jintużaw.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2242² tistabbilixxi l-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ għall-2024 għal EUR 1 300 000 000 għall-Kummissjoni, u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati fiha jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2242 tal-14 ta' Novembru 2022 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li tispesifika l-limitu massimu għall-2024, l-ammont annwali għall-2023, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2023 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2025 u 2026 (ĠU L 294, 15.11.2022, p. 17).

Artikolu 1

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FDE għall-2025 huwa b'dan stabbilit għal EUR 809 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 800 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 9 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FDE għall-2024 huwa b'dan stabbilit għal EUR 1 500 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 1 200 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 3

. Il-kontribuzzjonijiet individwali għall-FEŻ għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala l-ewwel pagament parzjali għall-2024, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 4

L-ammont ta' EUR 7 800 000 minn fondi mhux impenjati jew diżimpenjati mill-proġetti fl-ambitu tad-9 FEŻ għandu jiġi rimborżat permezz ta' tnaqqis fil-pagament tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 stipulat fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Il-previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2026 hija b'dan stabbilita għal EUR 600 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 0 għall-BEI. Il-previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2027 hija b'dan stabbilita għal EUR 500 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 0 għall-BEI.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-ewwel pagament parzjali għall-2024 (f'EUR) li għandu jitħallas lill-Kummissjoni u lill-BEI

STATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-koeffiċjent tad-9a' FEŻ (%)	Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ (%)	Il-Kummissjoni			Il-BEI	Il-Kummissjoni + il-BEI
			Il-11-il FEŻ	Rimborż mid-9a' FEŻ	Il-11-il FEŻ bit-tnaqqis tar-rimborż mid-9a' FEŻ		
IL-BELĠJU	3,92	3,24927	17 870 985	305 760	17 565 225	3 249 270	20 814 495
IL-BULGARIJA		0,21853	1 201 915	0	1 201 915	218 530	1 420 445
IĊ-ĊEKJA		0,79745	4 385 975	0	4 385 975	797 450	5 183 425
ID-DANIMARKA	2.14	1.98045	10 892 475	166 920	10 725 555	1 980 450	12 706 005
IL-ĠERMANJA	23.36	20.57980	113 188 900	1 822 080	111 366 820	20 579 800	131 946 620
L-ESTONJA		0.08635	474 925	0	474 925	86 350	561 275
L-IRLANDA	0.62	0.94006	5 170 330	48 360	5 121 970	940 060	6 062 030
IL-GREĊJA	1.25	1.50735	8 290 425	97 500	8 192 925	1 507 350	9 700 275
SPANJA	5.84	7.93248	43 628 640	455 520	43 173 120	7 932 480	51 105 600
FRANZA	24.30	17.81269	97 969 795	1 895 400	96 074 395	17 812 690	113 887 085
IL-KROAZJA		0.22518	1 238 490	0	1 238 490	225 180	1 463 670
L-ITALJA	12.54	12.53009	68 915 495	978 120	67 937 375	12 530 090	80 467 465
ĊIPRU		0.11162	613 910	0	613 910	111 620	725 530
IL-LATVJA		0.11612	638 660	0	638 660	116 120	754 780
IL-LITWANJA		0.18077	994 235	0	994 235	180 770	1 175 005
IL-LUSSEMBURGU	0.29	0.25509	1 402 995	22 620	1 380 375	255 090	1 635 465
L-UNGERIJA		0.61456	3 380 080	0	3 380 080	614 560	3 994 640
MALTA		0.03801	209 055	0	209 055	38 010	247 065
IN-NETHERLANDS	5.22	4.77678	26 272 290	407 160	25 865 130	4 776 780	30 641 910
L-AWSTRIJA	2.65	2.39757	13 186 635	206 700	12 979 935	2 397 570	15 377 505
IL-POLONJA		2.00734	11 040 370	0	11 040 370	2 007 340	13 047 710
IL-PORTUGALL	0.97	1.19679	6 582 345	75 660	6 506 685	1 196 790	7 703 475
IR-RUMANIJA		0.71815	3 949 825	0	3 949 825	718 150	4 667 975
IS-SLOVENJA		0.22452	1 234 860	0	1 234 860	224 520	1 459 380
IS-SLOVAKKJA		0.37616	2 068 880	0	2 068 880	376 160	2 445 040
IL-FINLANDJA	1.48	1.50909	8 299 995	115 440	8 184 555	1 509 090	9 693 645
L-IŻVEZJA	2.73	2.93911	16 165 105	212 940	15 952 165	2 939 110	18 891 275
IR-RENJU UNIT*	12.69	14.67862	80 732 410	989 820	79 742 590	14 678 620	94 421 210
TOTAL TAL-EU-27 U R-RENJU UNIT	100.00	100.00	550 000 000	7 800 000	542 200 000	100 000 000	642 200 000

* Abbażi tal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit talab formalment f'Marzu 2023 li l-Kummissjoni tirrimborża fl-2023 is-sehem pendenti tagħha tar-riżervi tal-10 u tal-11-il FEŻ, billi tpaċi l-kontribuzzjoni pendenti tagħha fil-FEŻ. Dik it-tpaċija se tkun riflessa fl-istruzzjonijiet ta' pagament rispettivi.